32004R0387

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 387/2004

ta' l-1 ta' Marzu 2004

li jissuplimenta l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerta ismijiet fir-Reġistru ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Arbroath Smokies)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-identifikazzjoni u l-ismijiet ta' l-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 5 ta' Regolament (KEE) Nru 2081/92 ir-Renju Unit wassal lill-Kummissjoni applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' l-isem Arbroath Smokies bħala indikazzjoni ġeografika.

(2) Investigazzjoni kif mitluba minn l-Artikolu 6(1) tar-Regolament ta' hawn fuq saret u sar magħruf li r-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament ġew milħuqa, speċjalment li l-partikolaritajiet mitluba taħt l-Artikolu 4 ġew provduti.

(3) Wara l-publikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjail ta' l-Unjoni Ewropea [2] ta' l-applikazzjoni dwar l-isem indikat fl-Anness ta' hawn hekk, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda objezzjoni taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament imsemmi.

(4) L-isem in kwestjoni għandu għal daqs tant ikun imdaħħal fir-Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u għal daqst tant igawdu minn statut ta' indikazzjoni ġeografika protetta fuq livell Komunitarju.

(5) Il-kontenut ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament jissuplimenta l-Anness ta' Regolament (KE) Nmr 2400/96 [3],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem muri fl-Anness ta' dan ir-Regolament hu hawnhekk magħdud fl-Anness ta' Regolament (KE) Nmr 2400/96 u mdaħħal bħala indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) fir-Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti previsti fl-Artikolu 6(3) ta' Regolament (KEE) Nmr 2081/92.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjail ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 208, ta' l-24.7.92, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat minn Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.3, p. 1).

[2] ĠU C 141, tas-17.6.2003, p. 10 (Arbroath Smokies).

[3] ĠU L 327, tat-18.12.96, p. 11. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat minn Regolament (KE) Nru 297/2004 (ĠU L 50, ta' l-20.2.4, p. 18).

L-ANNESS

PRODOTTI MNIZZLA F'L-ANNESS I TAT-TRATTAT INTIŻ GĦALL-KONSUM UMAN

Ħut frisk, molluski u krustaċeji

IR-RENJU UNIT

Arbroath Smokies (IĠP)